**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2019/2187(INI)**

23.7.2020

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni diċenti u affordabbli għal kulħadd
(2019/2187(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Kim Van Sparrentak

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................10

ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT ...................................................................14

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni diċenti u affordabbli għal kulħadd (2019/2187(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu, u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 9, 14, 148, 151, 153 u 160 tiegħu u l-Protokoll 26 anness miegħu, dwar servizzi ta' interess ġenerali,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-Titolu IV (Solidarjetà) tagħha,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità,

– wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità ta' Settembru 2015 dwar ir-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea ta' Ġunju 2014 lill-Kumitat,

– wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) adottati mill-mexxejja dinjija f'Settembru 2015 u approvati mill-Kunsill, li esprima l-impenn tiegħu għall-implimentazzjoni tagħhom, u b'mod partikolari l-SDG 11 dwar bliet u komunitajiet sostenibbli filwaqt li appella għal miri speċifiċi għall-2030 biex jiġi żgurat aċċess għal kulħadd għal akkomodazzjoni u servizzi bażiċi adegwati, sikuri u affordabbli u t-titjib tal-kwartieri foqra u biex tissaħħaħ l-urbanizzazzjoni inklużiva u sostenibbli u l-kapaċità għal ippjanar u ġestjoni ta' insedjament uman parteċipattiv, integrat u sostenibbli fil-pajjiżi kollha,

– wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Akkomodazzjoni Sostenibbli ta' Ġinevra u l-għan tagħha li "tiżgura aċċess għal akkomodazzjoni diċenti, adegwata, affordabbli u tajba għas-saħħa għal kulħadd"[1],

– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat mill-Kunsill Ewropew, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea f'Novembru 2017, u b'mod partikolari l-Prinċipju 19 tiegħu, "Akkomodazzjoni u assistenza għal persuni mingħajr dar", u l-Prinċipju 20 "Aċċess għal servizzi essenzjali",

– wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea riveduta, b'mod partikolari l-Artikoli 30 dwar id-dritt għall-protezzjoni kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, l-Artikolu 31 dwar id-dritt għall-akkomodazzjoni u l-Artikolu 16 dwar id-dritt tal-familja għall-protezzjoni soċjali, legali u ekonomika tagħha,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sħubija Urbana għall-

[1] https://www.unece.org/fileadmin/DAM/hlm/charter/Language_versions/ENG_Geneva_UN_Charter.pdf

Akkomodazzjoni tal-2018[2],

– wara li kkunsidra r-rapport tat-Taskforce ta' Livell Għoli dwar l-Investiment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa 2018[3],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-2017 intitolata "Lejn Aġenda Ewropea għall-Abitazzjoni"[4],

– wara li kkunsidra l-istqarrija minn Eurocities tal-2016 dwar l-għajnuna mill-Istat u s-servizzi pubbliċi lokali[5],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tad-19-il laqgħa informali tal-Ministri tal-UE għall-akkomodazzjoni li saret fid-9 u l-10 ta' Diċembru 2013[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-2014 tas-sindki tal-bliet il-kbar Ewropej dwar id-dritt għall-akkomodazzjoni[7],

– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017 intitolata "Taking stock of the 2013 Recommendation on "Investing in children: breaking the cycle of disadvantage" (Rendikont tar-Rakkomandazzjoni tal-2013 dwar "L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ) (SWD(2017)0258),

– wara li kkunsidra l-Pakkett ta' Investimenti Soċjali tal-Kummissjoni tal-2013,

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar 2013 dwar "L-Investiment fit-Tfal:  niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ", (2013/112/UE),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' April 2011 intitolata "Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma fl-2020" (COM(2011)0173) u r-rapporti sussegwenti ta' implimentazzjoni u evalwazzjoni,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-10 ta' Lulju 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-impjiegi u l-politiki soċjali taż-żona tal-euro[9],

---

[2].https://ec.europa.eu/futurium/en/system/files/ged/final_action_plan_euua_housing_partnership_december_2018_1.pdf

[3] Rapport tat-Task Force ta' Livell Għoli dwar l-Investiment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa: "Boosting Investment in Social Infrastructure in Europe (Spinta lill-Investiment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa) minn Lieve Fransen, Gino del Bufalo u Edoardo Reviglio (Jannar 2018).

[4] https://dmsearch.cor.europa.eu/search/opinion

[5] http://nws.eurocities.eu/MediaShell/media/EUROCITIES%20statement%20on%20state%20aid%20and%20local%20public%20%20services_16%2001%202016%20final.pdf

[6] http://www.iut.nu/wp-content/uploads/2017/07/Housing-Ministers%C2%B4-Communiqu%C3%A9.pdf

[7] https://www.eesc.europa.eu/resources/docs/resolution-for-social-housing-in-europe.pdf

[8] Testi adottati, P9_TA(2020)0194.

[9] Testi adottati, P9_TA(2019)0033.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2019 dwar "Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Aspetti Soċjali u tal-Impjieg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2019"[10],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Novembru 2017 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità[11],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2017 dwar il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi bħala xprun biex tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi[12],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar il-politiki dwar l-introjtu minimu bħala għodda biex jiġi ttrattat il-faqar[13],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), b'riferiment partikolari għall-Osservazzjonijiet Konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar is-CRPD[14],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2016 dwar ir-"Rifuġjati: inklużjoni soċjali u integrazzjoni fis-suq tax-xogħol"[15],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 dwar il-faqar: perspettiva tas-sessi[16],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' April 2016 dwar l-ilħuq tal-mira tal-ġlieda kontra l-faqar fid-dawl tal-ispejjeż li qed jiżdiedu għall-familji[17],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2015 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi b'enfasi speċjali fuq il-faqar fost it-tfal[18],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2015 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-komunitajiet emarġinati[19],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar l-akkomodazzjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea[20],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0000/2020),

---

[10] Testi adottati, P8_TA(2019)0202.
[11] ĠU C 356, 4.10.2018, p. 110.
[12] ĠU C 356, 4.10.2018, p. 89.
[13] ĠU C 346, 27.9.2018, p. 156.
[14] ĠU C 101, 16.3.2018, p. 138.
[15] ĠU C 101, 16.3.2018, p. 2.
[16] ĠU C 76, 28.2.2018, p. 93.
[17] ĠU C 58, 15.2.2018, p. 192.
[18] ĠU C 366, 21.10.2017, p. 19.
[19] ĠU C 366, 21.10.2017, p. 31.
[20] ĠU C 65, 19.2.2016, p. 40.

A. billi l-aċċess għall-akkomodazzjoni huwa dritt fundamentali li jrid jitqies bħala prerekwiżit għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali l-oħra, għall-aċċess għalihom u għal ħajja dinjituża;

B. billi l-għadd dejjem jikber ta' persuni li jgħixu fl-UE f'kategoriji bi dħul baxx jew medju jħabbtu wiċċhom ma' limiti ta' affordabbiltà, piż eċċessiv fuq l-akkomodazzjoni u sitwazzjonijiet ta' akkomodazzjoni mhux tajbin għas-saħħa, ta' kwalità baxxa jew b'konsum eċċessiv jew f'sitwazzjonijiet ta' akkomodazzjoni ffullata, jew li huma mingħajr dar jew f'riskju ta' żgumbrament;

C. billi l-kriżi tal-COVID-19 aggravat l-insigurtà tal-akkomodazzjoni, id-dejn eċċessiv, u r-riskju ta' żgumbrament u ta' persuni mingħajr dar;

D. billi l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) jindirizza fil-Prinċipju 19 tiegħu l-kwistjonijiet tal-għajnuna għall-akkomodazzjoni u ta' persuni mingħajr dar;

E. billi hemm nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, affordabbli u aċċessibbli;

F. billi kundizzjonijiet inadegwati tal-akkomodazzjoni jaffettwaw b'mod negattiv mhux biss is-saħħa, il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja tan-nies, iżda wkoll l-aċċess tagħhom għall-impjieg u għal servizzi ekonomiċi u soċjali oħra;

G. billi fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni Ewropea għandha tfittex li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;

**Il-kisba ta' akkomodazzjoni adegwata, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tajba għas-saħħa**

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw aċċess għal kulħadd għal akkomodazzjoni diċenti, inkluż ilma tax-xorb nadif u ta' kwalità għolja u sanità u iġjene adegwati u ekwi, u għal enerġija affordabbli, affidabbli u sostenibbli, u b'hekk jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar fil-forom kollha tiegħu; itenni t-talba tiegħu biex tittieħed azzjoni fl-UE kollha għal moratorju fuq l-iskonnessjoni mit-tisħin fix-xitwa; jistieden lill-Istati Membri jilħqu l-istandards stabbiliti mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) ta' temperatura adegwata għall-akkomodazzjoni; jitlob li r-reviżjoni tar-regolament dwar il-kwalità tal-arja tiġi allinjata mal-istandards tad-WHO;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tipprijoritizza t-tnaqqis tal-emissjonijiet permezz ta' rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni fis-settur tal-akkomodazzjoni soċjali u għall-bini bl-agħar rendiment fil-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, filwaqt li tindirizza l-akkomodazzjoni inadegwata u l-aċċessibilità tal-akkomodazzjoni u telimina l-faqar enerġetiku sabiex tiżgura tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn ekonomija newtrali għall-klima li ma tħalli lil ħadd jaqa' lura; jenfasizza, għalhekk, li l-inkwilini u s-sidien okkupanti għandhom ikunu infurmati u involuti b'mod sħiħ fi proġetti ta' rinnovazzjoni u ma għandux ikollhom żieda fl-ispejjeż ġenerali minħabba f'hekk;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tipprijoritizza l-Mewġa ta' Rinnovazzjoni fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali u l-Ġenerazzjoni li Jmiss tal-UE, filwaqt li tqiegħed lill-persuni li jinsabu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli fil-qalba tal-politiki ta' rkupru, u tiżgura aċċess

ugwali għal proġetti ta' rinnovazzjoni għal kulħadd; jistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità lir-rinnovazzjoni fil-pjanijiet tagħhom ta' rkupru u ta' reżiljenza sabiex jikkontribwixxu għall-kisba ta' rinnovazzjoni estensiva ta' 3 % tal-istokk tal-bini Ewropew kull sena;

**Il-ġlieda kontra l-problema ta' persuna mingħajr dar u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni**

4. Jitlob li wieħed mill-għanijiet fil-livell tal-UE jkun li tintemm il-problema ta' persuni mingħajr dar sal-2030; jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni aktar b'saħħitha biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-tnaqqis u l-qerda tal-problema ta' persuni mingħajr dar bħala prijorità fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni dwar l-EPSR; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali dwar il-persuni mingħajr dar; jistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità l-għoti ta' djar permanenti lill-persuni mingħajr dar; jenfasizza l-importanza ta' ġbir ta' data affidabbli dwar il-persuni mingħajr dar;

5. Itenni t-talba tiegħu biex tintemm il-kriminalizzazzjoni tal-persuni mingħajr dar;

6. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm miżuri eċċezzjonali għall-prevenzjoni tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u l-protezzjoni tal-persuni mingħajr dar fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 sakemm ikun meħtieġ u li jiġu segwiti b'soluzzjonijiet adegwati u permanenti;

7. Jappella għal strateġija komprensiva u integrata kontra l-faqar b'mira ffissata għat-tnaqqis tal-faqar, inkluż għall-faqar fost it-tfal; jappella għal qafas Ewropew għal skemi ta' dħul minimu;

8. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess ugwali għall-akkomodazzjoni għal kulħadd u jissalvagwardjaw in-nondiskriminazzjoni abbażi tar-raġunijiet kollha stipulati fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Karta kif ukoll tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali; jistieden lill-Kunsill jadotta malajr id-direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tniedi proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri li ma jinfurzawx il-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni jew li jikkriminalizzaw il-persuni mingħajr dar;

9. Jinnota bi tħassib kbir li l-kundizzjonijiet tal-għajxien tar-Rom għadhom estremament inkwetanti; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu d-desegregazzjoni spazjali u jinvolvu lill-benefiċjarji Rom fi proġetti ta' akkomodazzjoni, biex jipprevjenu l-żgumbramenti furzati u jipprovdu siti ta' waqfien għal Rom mhux sedentarji; jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' investimenti pubbliċi f'dan ir-rigward;

**Approċċ integrat għal akkomodazzjoni soċjali, pubblika u affordabbli fil-livell tal-UE**

10. Ifakkar li l-politiki, il-programmi ta' finanzjament u l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE għandhom impatt kbir fuq is-swieq tal-akkomodazzjoni u l-ħajja taċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija integrata għal akkomodazzjoni soċjali, pubblika u affordabbli fil-livell tal-UE biex tiżgura l-provvista ta' akkomodazzjoni ta' kwalità sikura, aċċessibbli u affordabbli għal kulħadd;

11. Jilqa' l-inklużjoni tal-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi kollha jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-EPSR; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rfinat l-indikatur tal-Indiċi tal-Prezzijiet tad-Djar u li jiġi stabbilit il-livell limitu ta' referenza għar-rata ta' piż żejjed tal-kost tal-akkomodazzjoni f'livell mhux ogħla minn 25 % tal-introjtu disponibbli ta' unità domestika;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi data aktar preċiża dwar is-swieq tad-djar, inkluż fil-livell sottonazzjonali, permezz tal-Eurostat (Statistika Ewropea dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien (EU-SILC));

**L-iżgurar tas-sigurtà tal-pussess tal-art u tas-swieq tal-akkomodazzjoni inklużiva**

13. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jistabbilixxu dispożizzjonijiet legali biex jipproteġu l-inkwilini u s-sidien okkupanti minn żgumbrament u jiżguraw is-sigurtà tal-pussess tal-art billi jiffavorixxu kuntratti ta' kiri fit-tul bħala l-għażla prestabbilita, flimkien mat-trasparenza tal-kera u miżuri ta' kontroll tal-kera;

14. Jistieden lill-Istati Membri jsegwu politiki dwar l-akkomodazzjoni li huma bbażati fuq il-prinċipju tan-newtralità bejn il-pussess domestiku, l-akkomodazzjoni mikrija privata u l-akkomodazzjoni soċjali mikrija; jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta dan il-prinċipju fis-Semestru Ewropew;

15. Jinnota bi tħassib iż-żieda fil-finanzjalizzazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fl-ibliet, fejn l-investituri jittrattaw l-akkomodazzjoni bħala assi negozjabbli aktar milli dritt tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-kontribut tal-politiki u r-regolamenti tal-UE għall-finanzjalizzazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u l-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali u lokali li jiżguraw id-dritt għall-akkomodazzjoni u, fejn xieraq, tressaq proposti leġiżlattivi kontra l-finanzjalizzazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni sa nofs l-2021; jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali jdaħħlu fis-seħħ miżuri ta' tassazzjoni kontra l-investiment spekulattiv, u biex jiżviluppaw politiki ta' ppjanar urban u rurali li jiffavorixxu akkomodazzjoni affordabbli, taħlita soċjali u koeżjoni soċjali;

16. Jirrimarka li t-tkabbir espansiv tal-kiri għal vaganzi għal żmien qasir qed ineħħi l-akkomodazzjoni mis-suq u jgħolli l-prezzijiet, u dan għandu impatt negattiv fuq il-kwalità tal-ħajja; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi qafas regolatorju għal kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir li jagħti diskrezzjoni wiesgħa lill-awtoritajiet nazzjonali u lokali biex jiddefinixxu regoli proporzjonati għal servizzi ta' ospitalità; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali proposta għal obbligi ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni obbligatorja għal pjattaformi fis-suq tal-kiri tal-akkomodazzjoni għal żmien qasir, f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data;

**Investiment f'akkomodazzjoni soċjali, pubblika, affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija**

17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jnaqqsu d-diskrepanza fl-investiment għal akkomodazzjoni affordabbli bħala kwistjoni ta' prijorità; jitlob f'dan ir-rigward riforma tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir li tippermetti aktar spazju fiskali għal

investimenti pubbliċi sostenibbli, b'mod partikolari f'akkomodazzjoni affordabbli; jitlob, barra minn hekk, li jkun hemm kontabilità armonizzata għall-metodoloġija tal-amortizzament għal investimenti fl-akkomodazzjoni affordabbli;

18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadatta d-definizzjoni tal-grupp fil-mira ta' akkomodazzjoni soċjali u ffinanzjata minn fondi pubbliċi fir-regoli dwar is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, sabiex l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jkunu jistgħu jappoġġaw l-akkomodazzjoni għall-gruppi kollha li l-ħtiġijiet tagħhom għal akkomodazzjoni diċenti u bi prezz raġonevoli ma jistgħux jintlaħqu f'kundizzjonijiet tas-suq, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li l-finanzjament ma jmurx lil hinn minn dawk l-aktar żvantaġġati, sabiex jiġi żblukkat l-investiment u tiġi żgurata akkomodazzjoni affordabbli, jinħolqu viċinati soċjalment differenti u tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jżidu l-investiment fl-UE f'akkomodazzjoni soċjali affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u biex jindirizzaw il-problema ta' persuni mingħajr dar u l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni, permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, InvestEU, FSE +, Orizzont Ewropa u tal-Ġenerazzjoni li Jmiss tal-UE, u biex jiżguraw sinerġiji akbar bejn dawk l-istrumenti;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Diġà qabel il-pandemija, kien sar ċar li hemm nuqqas ċar ta' akkomodazzjoni adegwata u affordabbli fl-Ewropa. Ħafna Ewropej qed jgħixu fi spazji ta' kwalità ta' saħħa ħażina, ta' kwalità baxxa, ta' faqar enerġetiku, jew ta' spazji ffullati; jew agħar minn hekk, għax qed jiffaċċjaw l-iżgumbrament jew ma għandhom dar. Hemm 80 miljun persuna fl-UE mgħobbija żżejjed mill-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u madwar 10 % tal-popolazzjoni tal-UE-28 nefqu 40 % jew aktar tad-dħul tagħhom fuq l-akkomodazzjoni, inkluż kwart ta' dawk li jħallsu l-kera tas-suq tas-settur privat. Il-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni huwa ogħla b'mod sinifikanti fost il-popolazzjoni tal-UE f'riskju ta' faqar u unitajiet domestiċi bi dħul baxx. L-Eurostat juri li 4 % tal-popolazzjoni tal-UE esperjenzaw privazzjoni ta' akkomodazzjoni severa fl-2017[1]. Il-privazzjoni tal-akkomodazzjoni hija fil-qalba tal-faqar u l-esklużjoni soċjali u hija marbuta mill-qrib mal-qgħad.

Il-kriżi tal-affordabilità hija fenomenu urban ewlieni, filwaqt li ż-żoni rurali jiffaċċjaw il-problemi tagħhom stess fir-rigward tal-akkomodazzjoni bħalma hi d-depopolazzjoni. Is-sitwazzjoni tvarja ħafna bejn reġjuni differenti fl-Ewropa u teżisti varjetà kbira ta' soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni lokali, reġjonali u nazzjonali. Fl-Istati Membri tan-Nofsinhar u tal-Lvant, l-akkomodazzjoni soċjali, pubblika u kooperattiva hija inqas prevalenti u s-sigurtà tal-pussess tal-art hija ħafna inqas żgurata mill-politiki u r-regolamenti dwar l-akkomodazzjoni. Dan jeħtieġ attenzjoni speċifika.

Billi l-għoti ta' kenn huwa l-pedament tal-ġlieda kontra l-COVID-19, sar saħansitra aktar ċar li d-dritt fundamentali li wieħed jgħix f'dar affordabbli, adegwata u f'saħħitha b'aċċess għal servizzi, ħwienet u spazju fuq barra għandu jiġi ggarantit lil kulħadd. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) jirrikonoxxi d-dritt għall-akkomodazzjoni soċjali u l-assistenza għall-akkomodazzjoni għal dawk fil-bżonn, id-dritt għal kenn u servizzi adegwati għall-persuni mingħajr dar u jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' protezzjoni kontra l-iżgumbrament ta' persuni vulnerabbli. Id-drittijiet minquxa fil-Pilastru issa jridu jsiru realtà u r-rapport jipprovdi bosta proposti għal dan.

**Il-kisba ta' akkomodazzjoni adegwata, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tajba għas-saħħa**
Fl-UE, 21,7 % tal-popolazzjoni bi dħul baxx jgħixu f'akkomodazzjoni bis-saqaf iqattar, bil-ħitan, bl-art jew bil-pedamenti mxarrbin, bis-susa fl-injam tat-twieqi jew tal-art. Il-problemi tal-kwalità tad-djar huma aktar mifruxa fl-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fejn f'xi pajjiżi madwar 15 % tal-unitajiet domestiċi bi dħul baxx huma nieqsa minn faċilitajiet sanitarji bażiċi[2]. Huwa stmat ukoll li aktar minn 50 miljun unità domestika fl-Unjoni Ewropea qegħdin jesperjenzaw faqar enerġetiku. L-iżgurar tal-aċċess għal akkomodazzjoni tajba għas-saħħa, adegwata, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u affordabbli huwa element ewlieni ta' kwalunkwe strateġija kontra l-faqar. Barra minn hekk, għal kull EUR 3 investiti fit-titjib tal-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni, EUR 2 jiġu lura f'iffrankar f'sena waħda[3].

Din hija r-raġuni għaliex il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni għandha sservu għan tripplu biex tiġi indirizzata l-emerġenza klimatika, jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni u tingħata spinta lill-ekonomija filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura.

---

[1] Eurostat, UE-SILC.
[2] Eurostat EU-SILC.
[3] Eurofound (2016), Akkomodazzjoni inadegwata fl-Ewropa: Kostijiet u konsegwenzi, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

L-investiment f'rinnovazzjoni u f'akkomodazzjoni affordabbli jista' jkun punt importanti ta' rkupru ekonomiku li jpoġġi l-Patt Ekoloġiku fil-qalba tiegħu. Dan ikun intervent kontroċikliku b'potenzjal kbir ta' ħolqien ta' impjiegi u ffrankar tal-enerġija. Il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni għandha tkun appoġġata bis-sħiħ mill-QFP u l-Ġenerazzjoni li Jmiss tal-UE u l-Istati Membri għandom jagħtu prijorità lir-rinnovazzjoni fil-pjanijiet tagħhom ta' rkupru u ta' reżiljenza. Dan għandu jikkontribwixxi biex tinkiseb rinnovazzjoni estensiva ta' 3 % tal-istokk tal-bini Ewropew, kull sena.

**Il-ġlieda kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni**

Il-problema tal-persuni mingħajr dar qed tiżdied fl-Unjoni Ewropea: 24 Stat Membru rrapportaw li l-problema ta' persuni mingħajr dar żdiedet matul l-aħħar għaxar snin[4]. Il-Finlandja hija l-uniku Stat Membru fejn il-problema ta' persuni mingħajr dar naqset. Mill-inqas 700,000 persuna jorqdu barra fi kwalunkwe lejl fl-UE, 70 % aktar minn għaxar snin ilu[5].

Il-kriżi tal-COVID-19 u l-lockdown sussegwenti wrew li nistgħu nsibu kenn u dar għal nies mingħajr dar u inwaqqfu l-evizzjonijiet meta jkun hemm ir-rieda politika. Il-miżuri ta' emerġenza meħuda mill-gvernijiet biex jipproteġu persuni mingħajr dar fil-kuntest tal-COVID-19 iridu jinżammu sakemm ikun meħtieġ u jkunu segwiti b'soluzzjonijiet permanenti u adegwati.

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ta mandat b'saħħtu lill-Kummissjoni Ewropea biex taġixxi u l-Kummissarju Schmit diversi drabi, inkluż fil-Plenarja tal-Parlament Ewropew, issottolinja l-importanza li tittieħed azzjoni kontra l-problema ta' persuni mingħajr dar. L-Unjoni Ewropea tista' taġixxi bħala sinjal morali u abbażi tal-valuri tagħha tiddikjara flimkien mal-partijiet ikkonċernati ewlenin l-għan li telimina l-problema ta' persuni mingħajr dar fl-Unjoni Ewropea sal-2030 u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-Ewropa.

Il-ġlieda kontra l-problema ta' persuni mingħajr dar mhijiex kompitu li ma jistax jingħeleb. Jeħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji nazzjonali għall-persuni mingħajr dar li jikkombinaw miżuri preventivi u reattivi u jagħmlu enfasi ċentrali fuq il-provvista ta' akkomodazzjoni permanenti għall-persuni mingħajr dar. Il-kriminalizzazzjoni tal-persuni mingħajr dar u l-prattiki diskriminatorji użati fil-prevenzjoni tal-aċċess għas-servizzi soċjali u għall-kenn li qegħdin naraw f'diversi Stati Membri mhumiex aċċettabbli. Il-Kummissjoni m'għandhiex tinjora dawn il-miżuri anzi għandha tisfida dawn il-miżuri.

Wasal iż-żmien li niżguraw trattament ugwali għal kulħadd u n-nondiskriminazzjoni fit-tfittxija għal akkomodazzjoni affordabbli. L-akkomodazzjoni hija dritt bażiku għal kulħadd, iżda mhux kulħadd għandu aċċess indaqs f'dan il-mument. Il-protesti tal-"Black Lives Matter" wara l-mewt ta' George Floyd xeħtu dawl ukoll fuq id-diskriminazzjoni razzjali fl-UE, b'evidenza qawwija dwar il-prevalenza tagħha fil-qasam tal-akkomodazzjoni. Ir-rapport tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali "Being Black in the EU" indika li wieħed minn kull ħamsa li wieġbu ta' dixxendenza Afrikana (21 %) ħassew li kienu razzjalment diskriminati fl-aċċess għall-akkomodazzjoni u li wieħed minn kull tnejn minn dawk li wieġbu jgħixu fi djar

[4] Baptista, I and Marlier, E (2019) Il-ġlieda kontra persuni mingħajr dar u l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni fl-Ewropa: Studju tal-politiki nazzjonali, il-Kummissjoni Ewropea/in-Netwerk tal-Politika Soċjali Ewropea.
[5] FEANTSA (2019), Ir-Raba' ħarsa ġenerali tal-esklużjoni mill-akkomodazzjoni fl-Ewropea.

iffullati żżejjed (45 %), meta mqabbel ma' 17 % tal-popolazzjoni ġenerali fl-UE-28[6].

Fl-istess ħin, il-kundizzjonijiet tar-Rom għadhom estremament inkwetanti b'ħafna minnhom jgħixu f'żoni segregati kkaratterizzati minn kundizzjonijiet ta' għajxien inferjuri. L-evizzjonijiet sfurzati u s-segregazzjoni spazjali jeħtieġ li jitwaqqfu. Fi klima politika fejn id-drittijiet tal-persuni LGBTI qed jitpoġġew taħt pressjoni, huwa importanti li niddefenduhom, anke f'dak li għandu x'jaqsam mal-akkomodazzjoni. Skont l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali, l-Istħarriġ dwar l-LGBTI II, dawk li wieġbu mill-UE, 14 % tan-nisa lesbjani, 8 % tan-nisa bisesswali, 6 % tal-irġiel bisesswali, 10 % tal-irġiel omosesswali, 20 % tal-persuni intersesswali u 21 % tal-persuni transġeneru esperjenzaw diskriminazzjoni meta ppruvaw jikru jew jixtru dar fl-aħħar 12-il xahar[7]. Naraw ukoll li n-nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli u aċċessibbli jfisser li ħafna persuni b'diżabilità u persuni akbar fl-età huma prattikament "priġunieri" fi djarhom stess. Dan ifisser ukoll li jista' jkun li jkollhom jimxu lejn istituzzjonijiet u ma jkunux jistgħu jibqgħu fi djarhom stess anke jekk riedu.

**Akkomodazzjoni soċjali , pubblika u affordabbli: approċċ integrat u investiment**

Filwaqt li l-UE ma għandhiex mandat dirett dwar l-akkomodazzjoni, il-politiki, il-programmi ta' finanzjament u l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE għandhom impatt kbir fuq is-swieq tal-akkomodazzjoni. Strateġija integrata tal-UE li tħares lejn l-impatt tal-politiki Ewropej f'oqsma differenti fuq l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni minn angoli differenti u tiżgura li jinħoloq qafas għall-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali biex jiddefinixxu, imexxu u jinvestu fil-provvista tal-akkomodazzjoni. Fis-Semestru Ewropew l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni għandha tkun integrata aktar, filwaqt li titqies il-frammentazzjoni tas-swieq tal-akkomodazzjoni nazzjonali u d-diversità tad-drittijiet tal-pussess tal-art.

Id-diskrepanza fl-investiment fl-akkomodazzjoni soċjali tammonta għal EUR 57 biljun fis-sena; investiment pubbliku fis-settur li jista' jagħti spinta lill-provvista milli tibqa' taqa'[8]. Il-gvernijiet ħafna drabi jiffukaw fuq inċentivi għall-iżviluppaturi privati filwaqt li l-appoġġ għall-akkomodazzjoni għal familji bi dħul baxx qed jingħata dejjem aktar fil-forma ta' pagamenti ta' tip ta' benefiċċji soċjali. Bidliet fir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat jippermettu lir-reġjuni u lill-awtoritajiet lokali jinvestu aktar fl-akkomodazzjoni soċjali u jipprovdu lill-gruppi kollha li l-ħtiġijiet tagħhom għal akkomodazzjoni diċenti u affordabbli ma jistgħux jintlaħqu f'kundizzjonijiet tas-suq filwaqt li jiġi żgurat li l-finanzjament ma jmurx lil hinn minn dawk l-aktar żvantaġġati. Dan jikkontribwixxi wkoll għall-ħolqien ta' viċinati soċjalment differenti u għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali.

L-Istati Membri għandhom jitħallew ukoll jinvestu aktar fl-akkomodazzjoni soċjali, pubblika u affordabbli taħt ir-regoli fiskali tal-UE. Jeħtieġ li naraw dan rifless fir-riforma tal-Patt Ewropew ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għandu jiġi pprovdut ukoll permezz tal-baġit tal-UE finanzjament għal akkomodazzjoni soċjali, affordabbli, tajba għas-saħħa, adegwata u

---

[6] Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (2018), Second European Union Minorities and Discrimination Survey Being Black in the EU (It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni " Being Black in the EU"), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
[7] Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (2020), EU LGBTI Stħarriġ II, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
[8] Lieve Fransen, Gino del Bufalo u Edoardo Reviglio (2018), Spinta lill-Investiment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa. Dokument ta' Diskussjoni dwar l-Ekonomija Ewropea Nru 074, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

effiċjenti fl-użu tal-enerġija u biex tiġi indirizzata l-problema tal-persuni mingħajr dar u l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni.

**L-iżgurar tas-sigurtà tal-pussess tal-art u tas-swieq tal-akkomodazzjoni inklużiva**
Il-fatt li l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 m'għandux ikun ritorn għaż-"żamma tal-istatus quo" ġie rikonoxxut b'mod wiesa'. Jeħtieġ li niżguraw li ma terġax tirrepeti ruħha l-mewġa ta' żgumbramenti li rajna wara l-Kriżi Finanzjarja Globali tal-aħħar deċennju. Għalhekk jeħtieġ li jkun hemm protezzjoni aħjar tal-inkwilini u ta' dawk li jissellfu fuq ipoteka, fil-livell nazzjonali u lokali. Ta' spiss qed naraw li l-politiki tal-akkomodazzjoni qed jiffavorixxu s-sjieda ta' dar fuq il-kiri b'mod żbilanċjat u dan għandu jinbidel.

Jeħtieġ li nevitaw ir-ripetizzjoni tal-mudell fejn kriżi ekonomika twassal għal finanzjalizzazzjoni ulterjuri tas-suq tad-djar. L-akkomodazzjoni qed titqies dejjem aktar bħala mezz għall-akkumulazzjoni tal-ġid aktar milli ġid soċjali. Ir-rapport "Future of Cities" taċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta jwissi li "dan l-aħħar it-tkabbir ta' investimenti barranin u korporattivi fil-proprjetà urbana residenzjali biddel ix-xejriet ta' sjieda, qajjem tħassib dwar in-nisġa soċjali ta' belt u dwar min jista' jinżamm responsabbli għad-drittijiet taċ-ċittadini għal akkomodazzjoni adegwata u affordabbli." [9] L-Istati Membri u l-bliet għandhom jiddefinixxu mill-ġdid ir-relazzjoni tagħhom mal-investituri privati, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u s-swieq finanzjarji biex jitolbu mill-ġdid l-akkomodazzjoni bħala dritt tal-bniedem. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk ir-regolamentazzjoni tal-UE dwar il-kompetizzjoni, il-moviment liberu tal-kapital u l-forniment ta' servizzi, fost l-oħrajn, hix qed tikkontribwixxi għall-finanzjalizzazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u jekk ikunx meħtieġ tipproponi bidliet leġiżlattivi biex din tiġi megħluba sa nofs l-2021. Barra minn hekk, it-trasparenza dwar is-sjieda u t-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli hija vitali għall-prevenzjoni ta' distorsjonijiet fis-suq tal-akkomodazzjoni u għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-evażjoni tat-taxxa f'dan is-settur.

It-tkabbir estensiv għall-kiri għal vaganzi qosra fl-ibliet u destinazzjonijiet turistiċi popolari qiegħed joħroġ l-akkomodazzjoni mis-suq, jgħolli l-prezzijiet u għandu impatt negattiv fuq il-kwalità tal-ħajja. Irridu nagħtu lill-ibliet aktar kontroll fuq il-pjattaformi ta' akkomodazzjoni fuq terminu qasir u niżguraw li dawn il-pjattaformi jikkondividu informazzjoni mal-bliet, filwaqt li jiġu rispettati r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

Kif norganizzaw il-politiki tal-akkomodazzjoni u s-suq tal-akkomodazzjoni huwa wieħed mill-oqsma fejn approċċ ġdid, li jpoġġi lin-nies fiċ-ċentri u d-dritt tagħhom għal akkomodazzjoni adegwata u affordabbli ogħla mil-loġika tas-suq, huwa meħtieġ b'mod urġenti. Ir-rapporteur temmen li dan ir-rapport jista' jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' dan l-approċċ ġdid.

[9] Ċentru Konġunt ta' Riċerka (2019), The Future of Cities: opportunities, challenges and the way forward, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

## ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT

Il-lista li ġejja hija kkompilata fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklussiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċeviet kontribut mingħand dawn l-entitajiet jew persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Eurofound
Renovate Europe
Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej dwar Akkomodazzjoni Affordabbli għal Kulħadd
Build Europe
Housing Europe
Forum Ewropew dwar l-Akkomodazzjoni
FEANTSA
AEDES
Unjoni Internazzjonali tas-Sidien tal-Proprjetà
Unjoni Internazzjonali tal-Inkwilini
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
L'union Sociale Pour L'Habitat
Il-muniċipalità ta' Amsterdam
Periti Kunsill tal-Ewropa
Leilani Farha Rapporteur Speċjali tan-NU dwar Akkomodazzjoni Adegwata
EUROCITIES
European Disability Forum
ARDI Intergroup
ILGA
Manuel Aalbers (Professur fil-KU Leuven)
Il-Kummissjoni Ewropea (DĠ EMPL, DĠ GROW u DĠ ECFIN)
ERGO Network
Equinet Europe
Sjoerdje van Heerden (Riċerkatur JRC tal-Kummissjoni Ewropea)
Michaela Kauer (Sħubija għall-Akkomodazzjoni Urbana)
Ħabitat għall-Umanità
Community Land Trust Brussels
Javier Buron (il-Belt ta' Barċellona)
Sħubija għall-Akkomodazzjoni tal-Aġenda Urbana tal-UE
Ħabitat għall-Umanità
Community Land Trust Brussels
Javier Buron (ManiġerAkkomodazzjoni, Kunsill Muniċipali ta' Barċellona)